**26. Id-Deputat Prim Ministu u Ministru għall-Affarijiet Ewropej u t-Twettiq tal-Manifest Elettorali, l-Onor. Louis Grech jipproponi:**

Billi l-Parlament ta' Malta huwa Membru sħiħ fl-Unjoni Inter Parlamentari (IPU); u

Billi, skont l-Artiklu 10 tal-Istatuti li jirregolaw il-proċeduri tal-Unjoni, iddelegazzjoni Maltija għas-sessjonijiet tal-Assemblea għandha tkun komposta minn rappreżentanti tal-Parlament ta' Malta li għandhom ikunu maħtura minn fost il-Membri ta' dan l-istess Parlament; u

Billi, skont dan l-istess Artiklu, id-delegazzjoni Maltija għall-ewwel sessjoni minn tnejn kull sena tal-Assemblea jista' jkun fiha sa massimu ta' tmien rappreżentanti, filwaqt li r-rappreżentanti għat-tieni sessjoni ta' kull sena tal-Assemblea jistgħu jkunu massimu ta' ħamsa;

Hu għalhekk riżolut li l-Kamra taħtar dawn il-Membri bħala r-Rappreżentanti tagħha għas-sessjonijiet ta' kull sena tal-Assemblea, skont kif ikun meħtieġ:

L-Onor. Carmelo Abela – Kap tad-delegazzjoni

L-Onor. Michael Gonzi

u illi l-Kamra taħtar ukoll lil dawn is-sostituti tagħhom:

L-Onor. Joseph M. Sammut

L-Onor. Stephen Spiteri

25.04.13